# Il-vara ta' S. Liena tagħlaq 150 sena

**Rev. Can. Chev. Vinc. Buhagiar**

Kellha tkun ir-rebħa ta' Kostantinu, iben S. Elena, li kisibha fuq l-Imperatur Massenzju f'taqbida ħarxa fl-inħawi ta' Ruma fuq 'Ponte Milvio' biex in-nies ta' dawk iż-żmenijiet u aktar tard l-oħrajn, jaraw b'għajnejhom klu jħossu l-qawwa tar-Reliġjon ta' Kristu. L-insara għaddew sekoli sħaħ isofru persekuzzjoni waħda eħrex mill-oħra, sakemm tfaċċat Elena mara qalbiena u ta' karattru sòd li qalbet l-istorja: Kristu beda miexi fil-beraħ. Kostantinu ħareġ jixbaħ lil ommu, bniedem kapaċi li jaf iħaddem moħħu u l-armi, b'qalbu tbaqbaq bl-istess ħeġġa li wriet minnha u li bil-fatti wrieha meta ħareġ l-editt ta' Milan (*A.D. 313*). Permess ta' dan l-edit il-Knisja ta' Kristu ġiet magħrufa uffiċjalment bħala soċjetà u għaqda ta' membri bid-dritt li tħaddem ħwejjiġha u taqdi l-missjoni tagħha li twassal l-Bxara t-Tajba; il-Kelma tal-verità.

Imtellgħa minn binha, l-Imperatur Kostantinu l-Kbir fuq it-Tron ta' Ruma, Elena saret l-Imperatriċi Awgusta; hi ma naqsitx tiġbor tagħrif siewi mill-isqfijiet fuq il-ħajja ta' Sidna Ġesù Kristu u fuq il-fidwa li hu wettaq għalina bil-mewt tiegħu fuq is-Salib. Il-ħsieb li ssib l-għuda tas-Salib, il-patibolu li fuqu miet Ġesù, li kien ilu mirdum taħt l-art għal ħafna snin, baqa' jhewden f'moħħa. Hija marret il-Palestina, l-art Imqaddsa, fittxet u sabet dak li xtaqet; l-għodda tal-passjoni ta' Ġesù. Għalhekk illum naraw il-Patruna tagħna S. Elena tgħannaq is-Salib ta' Kristu. Il-qaddisa tista' tgħidilna bħal San Pawl: M'għandniex biex niftaħar ħlief bis-salib ta' Kristu.'

Fil-viżta pastorali tal-Isqof Ferdinando Mattei (1807-1829)[1] insibu li l-prokuraturi tal-Knisja Kolleġġjata ta' B'Kara, kienu Rev. Can. Ġużeppi Debono (iż-żgħir) u s-Sinjur Vincenzo Borg; dawn ġew magħżula mill-Kapitlu fit-18 ta' April 1820 u konfermati minn dan l-Isqof. Dan il-fatt jurina li Borg, li minn dejjem ħabb lil pajjiżu, baqa' attiv jaħdem bil-qalb fost il-poplu ta' Birkirkara, għax dejjem xtaq ikabbar ġieħ artu u l-Knisja ta' Santa Liena. Huwa sebaħħa b'opri ġodda ta' valur li għalihom ħallas minn butu.

Vincenzo Borg twieled Birkirkara fil-11 ta' Jannar 1767 minn Aloisio (Wiġi) u Rosa[2], minn familja għanja. Kiber u beda jinnegozja l-qoton ma pajjiżi barranin, billi dan il-prodott kien tajjeb għall-insiġ tal-qlugħ tax -xwieni. Kien joqgħod fid-dar il-kbira ftit l-isfel mill-knisja ċ-ċkejkna ta' Santu Rokku. Kien bniedem għaqli avolja ma kienx ta' skola kbira. Ħbieb kbar ma naqsux iżuruh u l-fqar qatt ma tkeċċew minn wara biebu, tant li laqqmuh 'Brared'.

Meta l-Franċiżi okkupaw Malta, għamlu ħafna wegħdi sbieħ, imma ma żammewhomx, xeħtu taħt riġlejhom l-aktar żewġ oġġetti għeżież għal Maltin: ir-Reliġjon u l-Libertà tal-poplu. Vincenzo Borg ma ħasibix darbtejn, iżda b'deċiżjoni soda ħadha kontra l-armata Franċiża u flimkien mal-Maltin qalbiena żamm il-Franċiżi mblokkati wara s-swar. Damet sentejn din l-istorja sakemm il-Ġeneral Franċiż Vabois ċieda, u Malta ħelset mill-għadu tagħha. Aktar tard, meta l-Ordni ta' S. Mikiel u S. Ġorġ, imwaqqaf fis-27 ta' April 1818 mir-Re Ġorġ II tal-Ingilterra[3] ġie estiż anki għall-Gżira ta' Malta, Vincenzo Borg ġie onorat u maħtur Kavallier ta' dan l-Ordni. Kien tassew jistħoqqlu dan il-ġieħ billi kien ħareġ somom kbar ta' flus biex isseħħ l-imblokk tal-Franċiżi (1798-1800). Fl-1837 huwa marad, fl-10 ta' Lulju ta' dik is-sena għamel testment tiegħu[4] fejn fost ħwejjeġ oħra ħalla 4000 skud għall-foqra, u 500 oħra għall-Knisja ta' Birkirkara. Miet ftit ġranet wara, fl-isptar ta' Ħal Balzan.[5]. Jinsab midfun fil-qabar tal-familja fil-Kripta tal-Parroċċa.

Wieħed mill-isbaħ rigali li Vincenzo Borg ta lill-Kolleġġjata ta' Birkirkara hija ċertament l-istatwa ta' S. Liena, li darbtejn fis-sena tgħaddi mit-toroq tagħna; hija żżejjen il-knisja, hija l-għaxqa tal-Karkariżi. Elena, xemx tas-sbuħija tal-grazzja t'Alla ddawwal l-istorja tal-popli bis-salib ta' Kristu li hija sabet u refgħetu fl-għola ġieħ kull irkoppa fis-sema u fl-art tmil tu tqimu.

Imqanqal mid-dehra majestuża ta' S. Liena fil-kwadru titulari tagħna fil-Kolleġġjata[6] is-Sur Viċens Borg, għaraf jagħżel skulturi kapaċi li jagħtih biċċa xogħol ta' arti u ta' valur u ta' preġju. Kienu żminijiet feliċi għall-arti Maltija. Ftit snin qabel ma' Borg ordna x-xogħol tal-vara ta' S. Liena, il-Karkariżi kienu diġa raw il-vara ta' S. Ġużepp maħduma fl-1826 minn Ċensu Dimech. ma setax Borg ma jħossux fiduċjuż li mingħand Mastru Salv Psaila jkollu xogħol tajjeb ukoll. Mastru Salv kien diġà ħadem statwi oħra.

Mastru Salv Psaila twieled Bormla fl-20 ta' Jannar 1798 minn Tumas u Margarita Galea[7] u żżewweġ lil Lorenza Vella; kellu tifel jismu Franċesco li meta kiber kienigħin lil missieru fil-ħanut tax-xogħol tiegħu. Mastru Salv kien alliev ta' Marjanu Gerada u kien joqgħod bil-familja fi Triq il-Wied B'Kara. Ma damx igawdiha wisq lil martu Lorenza għax din mietet ta' 30 sena fl-14 ta' Frar 1841[8] meta kellha tarbija li mietet ukoll[9]. Mastru Salv miet ta' 75 sena fit-12 ta' Diċembru 1871.[10] Għax-xogħol sabiħ kemm fl-istatwa ta' S. Liena kif ukoll fl-artal maġġur tal-Kolleġġjata l-prepostu Rev. Kan. D. Salv Spiteri u l-Kapitlu għamlulu funeral kif jixraq u xejn anqas lil martu li mietet 30 sena qablu. L-iskultur Psaila ġie midfun fil-kripta tal-Parroċċa ta' B'Kara.

Il-vara ta' S. Liena nħadmet fid-dar imsejħa 'Ta Santa Liena' fi Triq Għargħur B'Kara u kellha toħroġ lesta minn din id-dar għall-festa ta' S. Liena f'Awwissu tal-1837 b'pompa kbira u bi briju biex tidħol trijonfalment fil-Kolleġġjata tagħha. Iżda minn dan kollu ma sar xejn. Il-benefattur li ħallas għall-vara, Vincenzo Borg, miet fis-16 ta' Lulju 1837 u ġie trasportat minn Ħal Balzan għall-Knisja Kolleġjata fejn saret quddiesa għar-ruħu. Għal din l-okkażjoni tal-funeral ta' Borg l-istatwa ġabuha qabel u bil-kwiet u poġġew il-katavru tal-benefattur sewwa sew quddiem il-vara ta' S. Liena f'nofs il-korsija. Billi l-iskultur kien jemmen bl-għajn ħażina, biex il-vara ma tiġrilihiex ħsara, qiegħed ħdejn riġlejha bomblu b'wiċċ ta' maskra pinġut fuqu. Flok it-trijonf mistenni kien mument ta' swied il-qalb u niket. Iżda, għadda ż-żmien sewwa u l-istatwa fl-1919 ġiet indurata, kif narawha llum u dak li ma sarx meta nħadmet fl-1837 sar meta ġabuha lura mill-Belt Valletta b'kuruna ġdida tal-fidda fuq rasha u għaddiet mit-toroq ta' Birkirkara, akkumpanjata mill-baned u minn folla kbira ta' nies sa ma daħlet fil-Knisja Kolleġġjata. Kienjum ta' ferħ li patta għall-ewwel nuqqas.

L-istatwa ta' Santa Liena fost ħafna oħrajn ta' Salvu Psaila inħadmet fl-imjam bl-akbar arti u reqqa tant li hija l-aqwa biċċa xogħol li ħarġet minn idejh. Imkebbes b'sentimenti reliġjużi u profondi l-iskultura ma setax ma jaħtinix figura li tqanqal devozzjoni u qima lejn il-Patruna tagħna S. Liena. Il-qima lejn S. Liena f'Malta taf iż-żminijiet u dejjem kienet il-qaddisa li ħarset il-Parroċċa tagħna. Ħarsa lejn il-vara hija biżżejjed biex malajr tinduna bil-valur artistiku u proporzjoni fil-kompożizzjoni u fil-qagħda imperjali. Imma fuq kollox il-wiċċ devot tagħha u l-ħarsa tagħha lejn is-salib juru l-kobor tal-misteru profond tal-fidwa tal-bniedem permezz tas-Salib. L-iskultur Psaila ma rahiex kif narawha aħna llum, imma l-ornamenti u t-tiżjin tad-deheb li għandha ma jagħmilx għajb għax-xogħol tiegħu. Kollox għandna sabiħ mill-bradella ta' taħtha sal-kuruna ta' fuq rasha u kollox ta' valur kbir. Jalla l-qima tagħna lejn il-patruna tgħaddi dan kollu u qalbna tfur bl-istess qdusija libiha għexet hi u taqsam ħajjitha mal-membri l-oħra tal-Knisja, għonja u fqar.

Il-poeta Malti Dun Ġużepp Zammit, magħruf Brighella, mill-Belt Valletta (1802 - 1890) kien joqgħod fi Triq il-Wied Birkirkara. Saċerdot għaref u kapaċi fil-kitba bil-Latin u bit-Taljan, fl-1843 ikkompona innu klassiku ta' għaxar strofi bil-latin: "Optat lux solemnibus" (Dal-jum mixtieq qed jiddi) li għadu jitkanta sal-lum fil-festa tal-qaddisa fil-Kolleġġjata, Mons. Francesco Saverio Caruana, Arċisqof u Isqof ta' Malta, li tant ħadem ma' Vincezo Borg fi żmien l-imblokk tal-Franċiżi, fis-7 ta' April 1843 għoġbu jagħti 40 jum indulġenza għal min jirreċita dan l-innu.

Aktar tard il-Papa Ljun XIII (1878 - 1923) b'tifkira tal-ġublew episkopali tiegħu ħareġ digriet fis-6 ta' marzu 1893 u kkonċeda 200 jum Indulġenza kuljum lil min b'devozzjoni jinvista l-vara ta' S. Liena u jgħid xi talb quddiemha.

Nagħlaq bil-kliem li l-poplu tagħna tant iħobb ikanta fil-festa ta' S. Liena Imperatriċi Awgusta:

Ġejt magħżula biex issib
L-Għuda Mqaddsa tas-Salib.[12]

**Riferenzi:**


1. V.P. Mattei 18 Ottubru 1820
2. Libro Battesimo: Uff. parr. B'Kara Hawn jidher 'Orazio' flok Aloisio
3. E.B. Vella: Storja ta' Birkirkara bil-Kolleġjata tagħha, 1934
4. Atti Not. Salvatore Carmelo Gera, 10 ta' Lulju 1837.
5. Libro morte (1837 - 1850) Uff. Parr. B'Kara.
6. Dan il-kwadru ħadmu l-pittur Francesco Zahra fl-1763.
7. Libro battesimo Uff. Parr. Bormla.
8. Libro Morte: Uff. Parr. B'Kara.
9 u 10. Ibidem.
11. L-istatwa tbierket mill-Prepostu Kan. Ġuż. Debono u tkanta l-innu 'Fortem virili pectore' malli daħlet. J. Deacon: Ġabra ta' 'mħabba u Storja Elenjana, 1978 p. 79.
12. Kav. G. Dimech Debono: Innu 'il S. Liena, 1928.



Micallef Marble Works
342 Fleur-de-Lys Road, B'Kara
Telephone 442285
SUPPLIERS OF:
Marble – Granite – Resin
10% discount on Perlato and Royal Marble